## RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/018 |
| **Ilment Investigat:** | Allegazzjoni li Josef Caruana, persuna ta' fiduċja fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ippubblika fil-paġna tiegħu personali fuq Facebook in-numri tal-karta tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni. |
| **Ilmentatur:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 8 ta' Diċembru 2019 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 8 ta' Ġunju 2020 |

### L-Ilment

1. B'email tat-8 ta' Diċembru 2019 (email annessa u mmarkata Dokument A), il-Prof Arnold Cassola talabni ninvestiga l-aġir ta' tliet individwi li kollha kienu persuni ta' fiduċja fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jiġifieri:

   (a) Keith Schembri li allegatament ħoloq assoċjazzjoni *a delinquere* biex jorganizza assassinju;

   (b) Josef Caruana li allegatament ippubblika l-isem u n-numru tal-karta tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni; u

   (ċ) Sandro Craus li allegatament impjega nies bla kwalifiki f'karigi li ma jeżistux.

2. Fl-ilment tiegħu l-Prof Cassola ma rreferiex għal xi artikolu tal-Kodiċi tal-Etika tal-Impjegati Pubbliċi u Membri tal-Bordijiet, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-kap. 595 tal-liġijiet ta' Malta). Dan il-kodiċi japplika għal persuni ta' fiduċja bis-saħħa tal-artikolu 3(1)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta).

## Deċiżjoni dwar Inammissibilità ta' Parti mill-Ilment

*Aġir ta' Keith Schembri li allegatament ħoloq assoċjazzjoni a delinquere biex jorganizza assassinju*

3. Dan l-aġir ma jistax jiġi kunsidrat stante li si tratta ta' allegazzjoni ta' aġir kriminali li għandu jiġi indirizzat lill-Pulizija, oltre l-fatt li jikkonċerna ċirkostanzi u aġir li ġara qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta) u għalhekk jiena prekluż milli ninvestiga ai termini tal-art 14 (1) tal-istess Att.

*Aġir ta' Sandro Craus li allegatament impjega nies bla kwalifiki f'impjiegi li ma jeżistux*

4. L-ilment in kwantu jindirizza aġir ta' Sandro Craus ukoll ma jistax jiġi kunsidrat stante li apparti aspetti ta' l-aġir li jista' jkollu sfumaturi ta' natura kriminali, si tratta ta' allegazzjoni ta' aġir li ġara qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kap. 570) u għalhekk jiena prekluż milli ninvestiga ai termini tal-art 14 (1) tal-istess Att.

5. Fid-dawl ta' diskors li sar riċentement fil-Parlament,[1] tajjeb li nikkjarifika li l-irwol tiegħi skont il-kap. 570 mhux li ninvestiga allegazzjonijiet ta' natura kriminali. L-artikolu 18 (4) tal-kap. 570 jaħseb biex jekk waqt investigazzjoni inkun *"tal-fehma li hemm prova sostanzjali ta' xi ksur sinifikattiv ta' xi dmir jew ta' mġiba ħażina li titwettaq minn xi persuna li għaliha jkun japplika l-Att"*, għandi nirreferi *"l-kwistjoni lill-awtorità konċernata inkluża l-Pulizija"* u fil-frattemp nissospendi l-investigazzjoni tiegħi. Fil-fehma tiegħi l-artikolu 18 (4) ma jfissirx li għandi ninvestiga allegazzjoni ta' natura kriminali jiena. Ċertament ma jagħmilx sens li nidduplika l-irwol tal-Pulizija jew ta' awtoritajiet oħra, u għaldaqstant min jixtieq jirrapporta atti kriminali għandu jirreferi direttament għand il-Pulizija.

## Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni

6. Iddeċidejt li l-aġir ta' Josef Caruana, li dak iż-żmien kien persuna ta' fiduċja (*person of trust*) fis-segretarjat tal-Prim Ministru Joseph Muscat, jimmerita aktar investigazzjoni billi potenzjalment jikkostitwixxi ksur tal-Kodiċi

[1] Diskors tal-Onor Glenn Bedingfield MP waqt is-seduta parlamentari tat-2 ta' Ġunju 2020.

tal-Etika tal-Impjegati Pubbliċi u Membri tal-Bordijiet, li għalih diġà saret referenza fil-paragrafu 2 ta' dan ir-rapport.

**Il-Kuntest**

7. Fit-3 ta' Diċembru 2019 Josef Caruana tella' *post* fuq il-paġna tiegħu personali fuq Facebook, lejliet id-data tal-għeluq għall-firem ta' petizzjoni fejn intalbet ir-riżenja jew it-tneħħija ta' Joseph Muscat, li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Prim Ministru ta' Malta. Il-petizzjoni kienet qed tiċċirkola fost l-akkademiċi tal-Università ta' Malta, li kienu mistiedna jiffirmawha. Is-Sur Caruana irriproduċa t-test tal-petizzjoni taħt il-kliem *"Sadanittant fl-Università (University of Malta) s-suppost intellettwali tagħna jaslu malajr għall-konklużjonijiet ... mhux f'ġieħ is-saltna tad-dritt!!!"* (kopja ta' screenshot annessa u mmarkata Dokument B).

8. Josef Caruana dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' PQ Officer fis-segretarjat tal-Prim Ministru, kariga li għadu fiha sal-lum.

9. Is-Sur Caruana żied kumment taħt il-*post* tiegħu fejn irriproduċa l-petizzjoni bl-ismijiet u n-numri tal-karta tal-identità ta' sebgħin (70) akkademiku li kienu laħqu ffirmaw dina l-petizzjoni sakemm ġiet f'idejh. Jidher li s-Sur Caruana għamel dan b'risposta lil persuna oħra li għamlet kumment taħt il-*post* tiegħu fejn staqsiet *"Dawn li ffirmaw nistgħu nkunu nafu min huma????"*

10. Kien hemm diversi reazzjonijiet għal dan permezz ta' kummenti oħra taħt l-istess *post*. Kien hemm min ġibed l-attenzjoni tas-Sur Caruana lejn il-General Data Protection Regulation (GDPR), liġi tal-Unjoni Ewropea li tħares id-data personali. Kien hemm ukoll min ikkummenta dwar in-numri tal-karta tal-identità tal-firmatarji.

11. L-għada, jiġifieri fl-4 ta' Diċembru 2019, ħarġet stqarrija bil-petizzjoni ffirmata minn 304 akkademiċi mingħajr numri tal-karta tal-identità (kopja annessa u mmarkata Dokument Ċ), kif ukoll l-aħbar li sar rapport lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data dwar il-pubblikazzjoni minn Josef Caruana tan-numri tal-karta tal-identità.[2]

---

[2] Ara https://www.independent.com.mt/articles/2019-12-04/local-news/Over-300-academics-call-for-Joseph-Muscat-must-resign-now-or-be-removed-6736217058 u

12. Dakinhar stess jew l-għada, is-Sur Caruana neħħa l-kumment tiegħu flimkien mar-riproduzzjoni tal-petizzjoni minn mal-*post* oriġinali tiegħu fuq Facebook. Il-kummenti ta' persuni oħra, inkluż dik li staqsiet min huma l-firmatarji, baqgħu jidhru, kif muri fl-iscreenshot annessa u mmarkata Dokument D. (L-ismijiet ta' dawk li ikkummentaw ġew oskurati peress li mhumiex persuni fil-ħajja pubblika, avolja l-*post* u l-kummenti ta' taħtha huma aċċessibbli pubblikament.)

**Proċedura ta' Investigazzjoni**

13. Oltre li tali aġir potenzjalment jikkostitwixxi ksur tal-kodiċi tal-etika, jista' jammonta għal vjolazzjoni tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (il-kap. 586 tal-liġijiet ta' Malta) li dwaru kien hemm ilment mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

14. L-art 13(3)[3] tal-Att dwar Standards fil-Hajja Pubblika (il-kap 570 tal-liġijiet ta' Malta) jżommni milli ninvestiga ilment fejn il-meritu jkun qed jiġi kunsidrat minn xi tribunal imwaqqaf bil-liġi. Jiena ninterpreta dan il-provvediment bħala wieħed li japplika għal proċeduri pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, u għalhekk fid-9 ta' Diċembru 2019 ktibt lill-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. Filwaqt li informajtu li rċevejt ilment dwar allegazzjoni li s-Sur Josef Caruana, uffiċjal fis-segretarjat tal-Prim Ministru, kixef l-ismijiet bin-numri tal-karti tal-identità ta' uħud minn dawk li ffirmaw petizzjoni biex il-Prim Ministru jirriżenja jew jitneħħa mill-kariga tiegħu, tlabtu ai termini tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li bħala l-awtorità kompetenti jikkonsidra l-ittra tiegħi bħala talba għal investigazzjoni min-naħa tiegħu. Tlabtu wkoll iżommni nformat dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tiegħu.

15. Għalhekk fil-frattemp issospendejt l-investigazzjoni tiegħi, kif jitlob l-artikolu 13(3) tal-Att.

---

https://www.maltatoday.com.mt/news/national/99060/academics_write_to_data_protection_commissioner_over_josef_caruana_leak#.XtnuxzozZPY.

[3] *"Il-Kummissarju m'għandux jgħaddi biex jinvestiga xi allegazzjoni fuq xi kwistjoni li fuqha jkun hemm pendenti proċedimenti fil-Qorti jew quddiem xi tribunal imwaqqaf b'liġi, u għandu jissospendi l-investigazzjoni jekk xi persuna li jkollha interess tagħmel talba quddiem Qorti jew quddiem tali tribunal dwar il-kwistjoni li tkun qed tiġi investigata, jew jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun fetħet inkjesta dwar dik il-kwistjoni, jew jekk il-Kummissarju tal-Pulizija jkun istitwixxa investigazzjoni dwar l-istess kwistjoni."*

16. Fil-11 ta' Diċembru 2019 il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skambja korrispondenza mad-Direttur Ġenerali tal-uffiċċju tiegħi u informah li l-uffiċċju tiegħu *"ħa azzjoni immedjata ai termini tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, [...] u fil-5 ta' Diċembru il-kontrollur ikkonferma (u ġie verifikat) li l-informazzjoni li dwarha sar l-ilment, ġiet fil-fatt imneħħija. Il-passi ittieħdu minn dan l-Uffiċċju skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u il-każ hu magħluq"*. Mitlub jikkjarifika, huwa kkonferma wkoll li *"l-ilment kien ġustifikat għal parti mill-informazzjoni li ma kenitx tpoġġiet fid-dominju pubbliku, jiġifieri n-numru tad-dokument tal-identità."* (Korrispondenza annessa u markata Dok E.)

17. Darba li l-każ ingħalaq mill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, stajt inkompli bl-investigazzjoni tiegħi. Għalhekk fl-14 ta' Jannar 2020 ktibt lil Josef Caruana fejn irreferejt għall-ilment li sar kontra tiegħu u d-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, u ikkwotajt id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi tal-Etika tal-Impjegati Pubbliċi u Membri tal-Bordijiet, li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

18. Id-dispożizzjonijiet li jiena nqis rilevanti għall-każ huma:

*[Art 13] Impjegati pubbliċi u membri ta' bordijiet għandhom: [...]*

*(b) jevitaw diskriminazzjoni jew fastidju fi kwalunkwe forma, diretta jew indiretta;*

*(ċ) jittrattaw bir-rispett, attenzjoni u konsiderazzjoni xierqa l-opinjonijiet, it-twemmin u l-individwalità ta' kulħadd; [...]*

*[Art 16] Impjegati pubbliċi u membri ta' bordijiet għandhom:*

*(a) jaġixxu b'dak il-mod li jirbħu u, jew iżommu fis-seħħ il-fiduċja tas-superjuri tagħhom u tal-pubbliku;*

*(b) iħarsu informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari data personali, u ma jużawx jew jiżvelawha b'mod mhux xieraq u mingħajr awtorizzazzjoni; l...]*

*[Art 21] (1) Impjegati pubbliċi u membri ta' bordijiet għandhom: [...]*

*(d) iħaddnu newtralità politika u ma jġibux disprezz lejn is-servizz pubbliku permezz tal-attivitajiet personali tagħhom; [...].*

19. Is-Sur Caruana rrisponda fl-20 ta' Jannar 2020 fejn ammetta impliċitament li kien huwa responsabbili għall-*post* in kwistjoni u li żvela n-numri tal-karta tal-identità tal-individwi konċernati. Huwa ssottometta li:

> *"L-ilment in mertu jikkonċerna affarijiet li, fil-mument li tellajthom jien fuq Facebook, diġà kienu fid-dominju pubbliku.*
>
> *Dwar il-fatti, si tratta ta' pubblikazzjoni ta' lista ta' nies li kienet qed tiddawwar liberament u pubblikament fil-kampus tal-Università. Kull min iffirma l-pubblikazzjoni kien jaf li din il-lista diġà kienet fid-dominju pubbliku. Infatti hija lista li min iffirmaha kien jaf min iffirma qablu diġà.*
>
> *Apparti dan, min qed jagħmel l-ilment, ossia Dr Arnold Cassola, hu wkoll persuna pubblika u jekk xi ħadd ried jew irid jintimidah żgur m'għandu bżonn tal-ebda numru tal-karta tal-identità. Qatt ma kienet l-intenzjoni tiegħi li nagħmel dan.*
>
> *Irrid inżid li l-lista ta' 70 akkademiku, li ssir referenza għaliha, ittellgħet bħala kumment mal-post tiegħi fuq Facebook u tneħħiet qabel biss talabni nagħmel dan il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Informazzjoni. Nenfasizza li l-azzjoni tiegħi kienet biss għal skop ta' informazzjoni u ttellgħet bħala tweġiba għal comment li sar mal-post.*
>
> *Il-post proprja tiegħi, li għadha viżibbli, kienet bi kritika diretta għall-kliem użat fil-petizzjoni biex jinġabru l-firem u li, fl-opinjoni tiegħi, tali akkademiċi kien messhom jafu aħjar. Kritika li kelli kull dritt nagħmilha, bl-istess qies li huma kellhom dritt jesprimu ruħhom.*
>
> *Jiena kkoperajt bis-sħiħ mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dejta u l-Informazzjoni u lqajt id-deċiżjoni fejn inġibdet l-attenzjoni għall-fatt li, għalkemm l-identità tal-firmatarji kienet fid-dominju pubbliku, in-numri tal-karta tal-identità ma kellhomx ikunu riprodotti.*
>
> *Minkejja dan, mill-esperjenza tiegħi, konxju li lanqas ma hi xi ħaġa straordinarja jew ta' barra minn hawn li petizzjoni tiġi ppreżentata u wara ppubblikata bl-ismijiet u n-numri tal-karta tal-identità. Infatti qed ninkludi referenza u kopja ta' artiklu fil-portal tal-istazzjon nazzjonali, TVM, li jinkludi tagħrif simili. L-artiklu ilu pubbliku minn Marzu tas-sena l-oħra.*
>
> https://www.tvm.com.mt/en/news/academics-priests-activists-among-oppose-eus-defence-pact/ [...]"

## Konsiderazzjonijiet

20. Is-sur Caruana jiddefendi l-aġir tiegħu billi jqajjem erba' punti ewlenin:

*(a) Jgħid li l-informazzjoni kienet diġà fid-dominju pubbliku stante li l-lista kienet qed tiġi ċirkolata liberament u pubblikament u li min qed jiffirmaha kien diġà jaf min iffirma qablu.*

21. Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data ma jaqbilx ma' dan in kwantu n-numri tal-karta tal-identità ma messhomx ġew pubblikati, għalkemm tneħħew wara żmien qasir. L-artikolu 8 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data jgħid hekk:

> *Dokument tal-identità għandu jiġi pproċessat fil-każ biss fejn dak l-ipproċessar hu ġustifikat b'mod ċar meta jitqiesu l-għan tal-ipproċessar u –*
>
> *(a) l-importanza ta' identifikazzjoni sikura; jew*
>
> *(b) kull raġuni valida oħra kif jista' jiġi provdut bil-liġi:*
>
> *Iżda n-numru ta' identità nazzjonali jew kull identifikatur ieħor ta' applikazzjoni ġenerali jista' jintuża suġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u libertajiet tas-suġġett tad-data konformement mar-Regolament.*

22. Ċertament ma jeżistu ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi f'dan il-każ.

23. Inoltre, l-argument li l-lista kienet diġà fid-dominju pubbliku huwa żbaljat. Il-fatt li kienet qed iddur "fil-kampus tal-Università" fil-mument li ġiet ippubblikata mis-Sur Caruana, qabel ma ġiet finalizzata minn min kien responsabbli għaliha, ma jwassalx għall-konklużjoni li kienet fid-dominju pubbliku. It-tixrid ta' informazzjoni fost grupp limitat u magħluq ta' nies ma jfissirx li dik l-informazzjoni kienet fid-dominju pubbliku.

*(b) Il-petizzjoni ttellgħet biss għal skop ta' informazzjoni*

24. Mill-iscreenshot anness (Dokument D) jidher li veru kien hemm min staqsa, anke jekk innoċentement, tistax tkun taf min huma dawk li ffirmaw.[4] Madankollu, d-dikjarazzjoni li l-pubblikazzjoni tan-numri tal-karta tal-identità

---

[4] F[...] G[...]: *Dawn li ffirmaw nistgħu nkunu nafu min huma ????*

tal-firmatarji allegatament kienet biss għal skop ta' informazzjoni u li ttellgħet bħala tweġiba għal kumment li sar mal-*post* mhux skuża sodisfaċenti.

25. Is-Sur Josef Caruana għandu jifhem li l-pożizzjoni tiegħu bħala persuna ta' fiduċja fis-segretarjat tal-Prim Ministru tgħabbih b'responsabbiltà akbar minn dik li jġorru persuni privati. Anki jekk dan ma kienx il-ħsieb tas-Sur Caruana, il-pubblikazzjoni tan-numri tal-karta tal-identità minn persuna f'kariga bħal tiegħu ma setgħetx ħlief tittieħed bħala forma ta' fastidju jew messaġġ ta' intimidazzjoni minn xi ħadd viċin il-Prim Ministru. Il-messaġġ li qed jingħata huwa "nafu min int". Dan jgħodd aktar u aktar meta din il-lista bin-numri tal-karta tal-identità ta' dawk li laħqu ffirmaw ġiet ippubblikata lejliet li kellha tagħlaq il-petizzjoni. Qisu kien intiż li jintbagħat messaġġ lil dawk li għadhom ma ffirmawx.

26. Mhux tant rilevanti l-fatt li uħud minn dawk li ffirmaw huma nies magħrufa bħal ma hu il-Prof Cassola, li żgur ma jiddejjaqx jesprimi l-fehmiet tiegħu. Ġaladarba n-numri tal-karta tal-identità ma kenux inklużi fil-lista finali kif ixxandret pubblikament, is-Sur Caruana ma kellu ebda dritt li jippubblika din l-informazzjoni, b'mod partikolari għax b'hekk seta' jagħti fastidju, jew agħar minn hekk, jintimida lil dawn in-nies li xtaqu jesprimu l-opinjoni tagħhom.

*(ċ) Tneħħiet qabel ma ġie mġiegħel jagħmel dan mill-Kummissarju u li kkopera mal-istess Kummissarju*

27. Dan jidher li hu minnu għalkemm naturalment għandu rilevanza limitata.

*(d) F'petizzjonijiet simili l-firmatarji poġġew il-karta tal-identità tagħhom.*

28. Dan il-fatt huwa totalment irrilevanti għall-każ. Jekk il-firmatarji ta' petizzjoni partikolari jippreferu jippubblikaw in-numri tal-karta tal-identità tagħhom, din hi l-prerogattiva tagħhom. Dan ma jneħħix id-dritt ta' dawk li jiffirmaw petizzjoni differenti li ma jiċċirkolawx din l-informazzjoni fil-pubbliku.

29. Barra minn hekk, il-petizzjoni li jirreferi għaliha s-Sur Caruana fl-ittra tiegħu hija dwar materja ferm inqas taħraq politikament mill-petizzjoni li hija s-suġġett ta' dan ir-rapport. Wieħed jifhem li min jiffirma petizzjoni dwar materja li dwaru jkun għaddej diżgwid kbir fil-pajjiż ma jkunx neċessarjament jixtieq ixandar in-numru tal-karta tal-identità tiegħu mal-erbat irjieħ.

30. Fl-opinjoni tiegħi l-aġir tas-Sur Caruana bħala persuna ta' fiduċja fis-segretarjat tal-Prim Ministru li huwa marbut bil-kodiċi tal-etika ta' persuni fis-

servizz pubbliku kiser il-kodiċi tal-etika relattiv, senjatament l-artikoli 13 (b) u (ċ); l-artikolu 16 (a) u (b); u 21 (1) (d).

31. Skont l-artikolu 21 (1) (d), impjegati pubbliċi huma obbligati jħaddnu newtralità politika u ma jġibux disprezz lejn is-servizz pubbliku permezz tal-attivitajiet personali tagħhom. Tidher li hija prattika amministrattiva li persuni ta' fiduċja bħas-Sur Caruana ma jitqisux bħala parti mis-servizz pubbliku. F'każ preċedenti diġà kkunsidrajt jekk persuna ta' fiduċja tistax allura titqies li b'għemilha ġabet disprezz lejn is-servizz pubbliku. F'dak il-każ jiena kkonkludejt li ġaladarba l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika qed japplika l-kodiċi in kwistjoni kollu kemm hu għall-persuni ta' fiduċja, riferenzi għall-kuntest organizzattiv, bħal "is-servizz pubbliku", għandhom jittieħdu bħala riferenzi għall-kuntest organizzattiv li fih jaħdmu l-persuni ta' fiduċja. Barra minn hekk, il-pubbliku ma joqgħodx jagħmel distinzjonijiet bejn oqsma differenti tal-amministrazzjoni pubblika, u għalhekk imġiba mhux etika da parti ta' kwalunkwe impjegat pubbliku, inkluż persuna ta' fiduċja, jista' jirrifletti ħażin fuq l-amministrazzjoni pubblika kollha kemm hi, inkluż is-servizz pubbliku.[5]

32. Il-konklużjoni tiegħi fir-rigward tal-artikolu 21 (1) (d) huwa limitat għall-fatt li s-Sur Caruana ġab disprezz lejn is-servizz pubbliku meta kiser ir-regoli dwar l-iproċessar ta' data personali billi ppubblika n-numri tal-karta tal-identità ta' 70 firmatarju tal-petizzjoni. M'iniex qed nikkunsidra jekk is-Sur Caruana kisirx l-obbligu tan-newtralità politika permezz tal-*post* tiegħu fiha nnifisha, jiġifieri anki li kieku ma żiedx magħha n-numri tal-karta tal-identità tal-firmatarji, għaliex dan l-aspett ma kienx parti mill-ilment.

33. Qed ngħid dan fil-kuntest tad-dikjarazzjoni tas-Sur Caruana, fir-risposta tiegħu tal-20 ta' Jannar, li l-*post* tiegħu "*kienet bi kritika diretta għall-kliem użat fil-petizzjoni biex jinġabru l-firem u li, fl-opinjoni tiegħi, tali akkademiċi kien messhom jafu aħjar. Kritika li kelli kull dritt nagħmilha, bl-istess qies li huma kellhom dritt jesprimu ruħhom.*" Qed nirriżerva l-pożizzjoni tiegħi dwar jekk persuni ta' fiduċja bħas-Sur Caruana jkunux qed jiksru l-obbligu ta' newtralità

---

5 Rapport dwar il-każ K/003 (12 ta' April 2019), paragrafi 41 u 42. Jista' jitniżżel minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K003.pdf. Dan ir-rapport jirreferi għall-kodiċi ta' etika fl-Att tal-2009 dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (il-kap 497 tal-liġijiet ta' Malta), li m'għadux fis-seħħ, iżda l-istess punti jgħoddu għall-kodiċi fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika preżenti (il-kap 595).

politika fl-artikolu 21 (1) (d) tal-kodiċi jekk jesprimu l-fehmiet tagħhom fuq materji ta' kontroversja politika.

**Konklużjoni**

34. Għalhekk fl-opinjoni tiegħi f'dan il-każ irriżulta ksur ta' dawk il-prinċipji u r-regoli tal-etika elenkati hawn fuq.

35. Fil-fehma tiegħi ukoll, il-fatt li s-Sur Caruana neħħa d-dettalji dwar il-firmatarji tal-petizzjoni immedjatament, flimkien mas-sejbien ta' ħtija min-naħa tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, huma rimedju biżżejjed u għalhekk qed nagħlaq dan ir-rapport ai termini tal-art 22 (5) tal-Kap. 570. Dana, naturalment mingħajr preġudizzju ghal kull azzjoni u sanzjoni li jista' jkun suġġett għalihom is-Sur Caruana da parti tas-superjuri tieghu fl-amministrazzjoni.

36. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Prof Arnold Cassola li għamel l-ilment, lill-Prim Ministru u lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, kif ukoll lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni. Kopja ser titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[6]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

6 https://standardscommissioner.com.

## Dokumenti Mehmuża

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment tal-Prof Arnold Cassola konsistenti f'email tat-8 ta' Diċembru 2019 |
| Dokument B | Kopja ta' screenshot tal-*post* imtella' mis-Sur Josef Caruana fuq Facebook fit-3 ta' Diċembru 2019 |
| Dokument Ċ | Il-petizzjoni ppreżentata mill-akkademici, kif rilaxxata pubblikament. |
| Dokument D | Screenshot ta' uħud mill-kummenti li saru taħt il-*post* tas-Sur Caruana fuq Facebook. |
| Dokument E | Skambju ta' korrispondenza bl-email bejn id-Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tiegħi, Charles Polidano, u l-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. |

DOKUMENT A

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Sunday, 8 December 2019 01:27 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Investigazzjoni dwar membri tas-Segretarjat tal-Prim Ministru |

Ghaziz Dr Hyzler,

Qieghed nitlob investigazzjoni fl-agir ta' numru ta' membri tas-Segretarjat tal-Prim Ministru dimissjonarju u mkecci, Joseph Muscat.

1. Keith Schembri, li holoq "associazione a delinquere" biex jorganizza assassinju ta' persuna umana;

2. Josef Caruana, li ppubblika l-isem u n-numru tal-karta tal-identita' ta' 70 ruh (fosthom jien), biex jintimidana milli nipprotestaw kontra l-imgiba kriminali tal-Prim Ministru mkecci ta' Malta;

3. Sandro Craus, li jimpjega nies bla kwalifiki ghal jobs li ma jezistux, waqt li johorgilhom is-salarju kull xahar minghajr ma jkunu dahlu lanqas ghal gurnata xoghol.

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

**DOKUMENT B**

facebook Sign Up



**Josef Caruana**

December 3, 2019 ·

Sadanittant fl-Università (University of Malta) s-suppost intellettwali tagħna jaslu malajr għall-konklużjonijiet … mhux f'ġieħ is-saltna tad-dritt!!!

**DEADLINE FOR SIGNATURES: 4th December @10am**

**Jirreżenja jew jitneħħa b'effett immedjat**

L-akkademiċi tal-Università ta' Malta qed isegwu dak li qed jiġri f'Malta b'rabta mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, korruzzjoni u ħasil ta' flus istituzzjonalizzati. L-akkademiċi jħossu li dawk afdati fl-ogħla strutturi tal-poter tradew b'mod mill-aktar goff il-fiduċja taċ-ċittadini Maltin u tal-komunità internazzjonali. F'dan il-kuntest jeżiġu li Joseph Muscat għandu jirreżenja jew jitneħħa b'effett immedjat. Dan sabiex l-investigazzjonijiet ikunu jistgħu jimxu bla ebda xkiel mill-uffiċċju tal-PM.

**Joseph Muscat must resign or be removed**

As academics at the University of Malta we have followed developments in Malta tied to the assassination of Daphne Caruana Galizia, corruption and institutionalised money laundering. We feel that those entrusted with power have betrayed, in the most serious manner, the trust of Maltese citizens and the international community. In this context, Joseph Muscat must resign or be removed from office with immediate effect. This is necessary for the investigation to proceed without impediment from the Office of the Prime Minister.

86 · 65 Comments · 9 Shares

Share

DOKUMENT Ċ

**Press Release/Stqarrija 4th December 2019 10am**

**Jirreżenja jew jitneħħa immedjatament**
L-akkademiċi tal-Università ta' Malta qed isegwu dak li qed jiġri f'Malta b'rabta mal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, korruzzjoni u ħasil ta' flus istituzzjonalizzati. L-akkademiċi jħossu li dawk afdati fl-ogħla strutturi tal-poter ittradew b'mod mill-aktar goff il-fiduċja taċ-ċittadini Maltin u tal-komunità internazzjonali. F'dan il-kuntest jeżiġu li Joseph Muscat għandu jirreżenja jew jitneħħa immedjatament. Dan sabiex l-investigazzjonijiet ikunu jistgħu jimxu bla ebda xkiel mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**Joseph Muscat must resign or be removed**
As academics at the University of Malta we have followed developments in Malta tied to the assassination of Daphne Caruana Galizia, corruption and institutionalised money laundering. We feel that those entrusted with power have betrayed, in the most serious manner, the trust of Maltese citizens and the international community. In this context, Joseph Muscat must resign or be removed from office with immediate effect. This is necessary for the investigations to proceed without impediment from the Office of the Prime Minister.

1. Aaron Micallef
2. Abigail Zammit
3. Adela DeGiorgio
4. Adrian Grima
5. Adrian Muscat
6. Adrian-Mario Gellel
7. Albert Bell
8. Albert Borg
9. Albert Gatt
10. Alessio Magro
11. Alex Felice
12. Alex Torpiano
13. Alexandra Betts
14. Alexandra Bonnici
15. Alexandra Vella
16. Alexiei Dingli
17. Amy Camilleri Zahra
18. Anabel Sciriha
19. Andre P. DeBattista
20. Andrea DeMarco
21. Andrea Dibben
22. Andrew Azzopardi
23. Andrew Cassar
24. Andrew Farrugia
25. Angela Abela
26. Angele Deguara
27. Anna Borg
28. Anna Grech
29. Anna Khakee
30. Anna Zammit
31. Anne-Marie Callus

32. Anthony Bonanno
33. Anthony Frendo
34. Anthony Samuel
35. Antoine Zammit
36. Anton Bartolo
37. Anton Pizzuto
38. Antonio Ghio
39. Arnold Cassola
40. Bernard Micallef
41. Carmel aka Charles Pace
42. Carmel Borg
43. Carmel Pule
44. Carmel Sammut
45. Carmen Depasquale
46. Catherine Sharples
47. Charlene Vella
48. Charles Bonello
49. Charles Briffa
50. Charles Mallia Azzopardi
51. Charles V Sammut
52. Charmaine Attard
53. Charmaine Bonello
54. Charmaine Falzon
55. Christian Colombo
56. Christian Scerri
57. Christiane Sullivan
58. Christina Zarb
59. Claire Azzopardi Lane
60. Claire Copperstone
61. Claire De Marco
62. Claire Farrugia
63. Clare Azzopardi
64. Clare Vassallo
65. Clarissa Sammut Scerri
66. Claude Julien Bajada
67. Claudia Borg
68. Claudia Psaila
69. Colin Calleja
70. Daniel Vella
71. Daniela Gatt
72. David Agius Muscat
73. David Dandria
74. David Fabri
75. David Mamo
76. David Saliba
77. David Suda
78. David Zammit
79. Davinia Galea
80. Deborah Chetcuti
81. Dennis Mizzi
82. Dione Mifsud

83. Dolores Gauci
84. Doreen Spiteri
85. Edgar Galea-Curmi
86. Edward Warrington
87. Edwin Lanfranco
88. Eleanor Gerada
89. Elena Tanti Burlo’
90. Emanuel Chetcuti
91. Emmanuel Agius
92. Ermira Tartari
93. Fabrizio Foni
94. Franco Curmi
95. Francois Mifsud
96. George Cassar
97. George Grima
98. George Vital Zammit
99. Gilbert Calleja
100. Gillian Martin
101. Gina De Battista
102. Giuliana Fenech
103. Glen Bonnici
104. Gloria Lauri-Lucente
105. Ġorġ Mallia
106. Helen Grech
107. Holger Suarez
108. Immanuel Mifsud
109. Ingrid Grech Lanfranco
110. Irene Incarico
111. Isabel Stabile
112. Ivan Callus
113. Ivan Sammut
114. James Borg
115. James Corby
116. James DeGaetano
117. Jane Spiteri
118. Janice Sant Balzan
119. Jeanette Theuma
120. Jean-Paul De Lucca
121. Jennifer Porter
122. Joanna Bellia
123. Joanna Depares
124. Joanne Cassar
125. Joe Friggieri
126. John Berry
127. John Charles Betts
128. John Ebejer
129. John Torpiano
130. John Xerri de Caro
131. Jonathan C. Borg

132. Josanne Drago Bason
133. Josef Lauri
134. Josef Trapani
135. Joseph Azzopardi
136. Joseph Borg (1)
137. Joseph Borg (2)
138. Joseph M. Brincat
139. Joseph Micallef
140. Joseph Muscat
141. Joseph Pace Asciak
142. Joseph Vancell
143. Josephine Milton
144. Juanita Sapiano
145. Juanito Camilleri
146. Julian Mamo
147. Kathrin Schödel
148. Katrin Dautel
149. Keith Sciberras
150. Kenneth Grech
151. Kenneth Scicluna
152. Kevin Cassar
153. Krista Bonello
154. Kristian Zammit
155. Kristian Zarb Adami
156. Kristina Agius
157. Kurstin Gatt
158. Kurt Borg
159. Larissa Jonk
160. Lawrence Scerri
161. Leanne Ellul
162. Leonard Bezzina
163. Lino Briguglio
164. Lorleen Farrugia
165. Lorraine Portelli
166. Louiselle Vassallo
167. Lourdes Pullicino
168. Luke Fiorini
169. Manwel Debono
170. Manwel Mifsud
171. Marceline Naudi
172. Marco Galea
173. Margaret Camilleri
174. Maria Attard
175. Maria Cassar
176. Maria Frendo
177. Maria Navarro
178. Maria Pisani
179. Marie Alexander
180. Marie Avellino
181. Marie Briguglio
182. Marie Louise van der Plas

183. Marie Therese Farrugia
184. Marie-Louise Mangion
185. Marija Grech
186. Marilise Azzopardi
187. Marilyn Clark
188. Mario Aquilina
189. Mario Buhagiar
190. Mario Camilleri
191. Mario Cassar
192. Mario Frendo
193. Mario Valentino
194. Mario Vassallo
195. MarioVella
196. Marjorie Bonello
197. Mark Micallef
198. Mark Sagona
199. Mark Sammut
200. Mark-Anthony Falzon
201. Martin Muscat
202. Martin Musumeci
203. Mary Anne Lauri
204. Mary Muscat
205. Maryanne Caruana
206. Matthew Galea
207. Matthew Montebello
208. Maureen Cole
209. Maurice Apap
210. Maxine Anastasi
211. Melanie Zammit Burg
212. Michael Boffa
213. Michael Briguglio
214. Michael Buhagiar
215. Michael Spagnol
216. Michael Zammit
217. Michelle Attard Tonna
218. Michelle Camilleri
219. Mireille Caruana
220. Nadia Delicata
221. Natalie Kenely
222. Natasha Azzopardi Muscat
223. Natasha Galea
224. Nathalie Buhagiar
225. Neil Falzon
226. Neville Vassallo
227. Nicholas Sammut
228. Nicholas Zarb
229. Nick Vella
230. Nicole Bugeja
231. Nikolai Pace
232. Noel Agius
233. Omar Grech

234. Patricia Bonello
235. Patricia Vella Briffa
236. Patricia Vella de Fremeaux
237. Patrick Galea
238. Patrick J Schembri
239. Patrizia Paggio
240. Paul Bartolo
241. Paul Sant Cassia
242. Peter Mayo
243. Peter Mayo
244. PeterZarb
245. Philip Caruana
246. Pierre Ellul
247. Pierre Schembri-Wismayer
248. Rachael Agius
249. Rachel Baldacchino
250. Rachel Radmilli
251. Raphael Vella
252. Ray Fabri
253. Ray Zammit
254. Raylene Abdilla
255. Rebecca Anastasi
256. Rebecca Vella Muskat
257. Renato Camilleri
258. Reuben Grima
259. Reuben Lanfranco
260. Ritienne Grima
261. Robert Ghirlando
262. Roberta Borg Parnis
263. Roberta De Angelis
264. Roberta Sammut
265. Roderick Bugeja
266. Roderick Vassallo
267. Romina Cachia
268. Romina Frendo
269. Ronald Sultana
270. Rosienne Farrugia
271. Rowena Sultana
272. Ruth Farrugia
273. Sandra Buttigieg
274. Sandra Scicluna
275. Sandro Caruana
276. Sarah Grech
277. Sergio Portelli
278. Sharon Martinelli
279. Shaun Grech
280. Simon Mizzi
281. Simone Galea
282. Stavros Assimakopoulos
283. Stefano Moncada

284. Stella Borg Barthet
285. Stephen Abela
286. Stephen Brincat
287. Stephen Lungaro-Mifsud
288. Sue Vella
289. Svetlana Schembri Wismayer
290. Tonio Agius
291. Tonio Piscopo
292. Tonio Sant
293. Tracey Camilleri
294. Trevor A Fiorentino
295. Valerie Sollars
296. Valerie Visanich
297. Vanessa Camilleri
298. Vicki Ann Cremona
299. Vickie Gauci
300. Victor Buttigieg
301. Vince Briffa
302. Vincent Caruana
303. Virginia Monteforte
304. Yosanne Vella

**DOKUMENT D**

[illegible] Dawn li ffirmaw nistghu nkunu nafu min huma????

8

Like · Reply · 26w

Hide 12 Replies

[illegible] Josef Caruana GDPR.

5

Like · Reply · 26w

[illegible] Josef Caruana grazzi Josef

1

Like · Reply · 26w

[illegible] as if 70 ruh iried jaddetjaw xi issir fl pajjiz 😀

3

Like · Reply · 26w

[illegible] Josef Caruana dawn studenti jew lecturere s

Like · Reply · 26w

[illegible] Mhallsin mit taxxi taghna!

Like · Reply · 26w

[illegible] Imma biex hadu il-grant ma iffirmawx haduhom ma irrifjutahwx,, tal-linja b'xejn ukoll. Flok jghidu grazzi lil Joseph u l-gvern tal-labour. GRAZZI JOSEPH

4

Like · Reply · 26w

[illegible] pero mill-ID card dawn huma over 30s and over 40s mhumiex students nahseb lecturers

1

Like · Reply · 26w

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

**From:** Cachia Saviour at IDPC <saviour.v.cachia@idpc.org.mt>
**Sent:** Monday, 6 January 2020 12:05
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - Ilment dwar żvelar ta' ismijiet u numri tal-karti tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni

Is-Sur Charles Polidano
Direttur Ġenerali
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika

Nirreferi għall-korrispondenza t'hawn taħt.

L-ilment kien ġustifikat għal parti mill-informazzjoni li ma' kienitx tpoġġiet fid-dominju pubbliku, jiġifieri n-numru tad-dokument tal-identita'.

Is-sena t-tajba lilek ukoll.

**Saviour Cachia**
Information and Data Protection Commissioner

**Office of the Information and Data Protection Commissioner**
Airways House, Second Floor, High Street, Sliema SLM 1549, MALTA.
t: (+356) 2328 7100 f: (+356) 2328 7198 w: www.idpc.org.mt

This email communication, including any file or document attached thereto, is confidential and solely intended for the use of the intended recipient(s). If you are not the intended recipient and received this message by mistake, you should not disseminate, distribute, print or otherwise copy its contents, but should take immediate action to notify me by return mail and permanently destroy the email from your system. **Opinions and advice given by this Office on data protection matters shall not constitute a legally binding decision and shall be without prejudice to the Commissioner's power to investigate any complaint lodged by a data subject.**

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Friday, 03 January 2020 14:04
**To:** Cachia Saviour at IDPC <saviour.v.cachia@idpc.org.mt>
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - Ilment dwar żvelar ta' ismijiet u numri tal-karti tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni

Is-Sur Saviour Cachia
Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Grazzi tar-risposta tiegħek t'hawn taħt.

Dan l-uffiċċju qed jifhem li l-konklużjoni tiegħek fil-każ in kwistjoni kienet li l-ilment, għad li anonimu, kien ġustifikat fis-sens li l-informazzjoni ma messhiex ġiet ippubblikata għalkemm tneħħiet wara żmien qasir. Il-Kummissarju għall-Istandards japprezza jekk tista' tindika din l-interpretazzjoni hix korretta jew le.

Is-sena t-tajba,

Charles Polidano
Direttur Ġenerali

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com

---

**From:** Cachia Saviour at IDPC <saviour.v.cachia@idpc.org.mt>
**Sent:** Wednesday, 11 December 2019 15:31
**To:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Subject:** RE: [EXTERNAL] - Ilment dwar żvelar ta' ismijiet u numri tal-karti tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni

Is-Sur Charles Polidano
Direttur Ġenerali
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-i*Standards* fil-Ħajja Pubblika

B'referenza għall komunikazzjoni elettronika tiegħek kif jidher hawn taħt, flimkien ma' l-ittra annessa mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u kif ukoll għad-diskussjoni fuq it-telefown li kellna filgħodu, nifurmak li dan l-Uffiċċju irċieva ilment fl-4 ta' Diċembru 2019 mingħand wieħed mis-suġġetti tad-*data* fil-lista konċernata, li xtaq li jibqa' anonimu. Dan l-Uffiċċju ħa azzjoni mmedjata *ai termini* tar- **REGOLAMENT (UE) 2016/679 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il- moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il- Protezzjoni tad-*Data*)** u fil-5 ta' Diċembru il-kontrollur ikkonferma (u ġie verifikat) li l-informazzjoni li dwarha sar l-ilment, ġiet fil-fatt imneħħija. Il-passi ttieħdu min dan l-Uffiċċju skont ir-Regolament Ġenerali dwar il- Protezzjoni tad-*Data* u il-każ hu magħluq.

**Saviour Cachia**
Information and Data Protection Commissioner

**Office of the Information and Data Protection Commissioner**
Airways House, Second Floor, High Street, Sliema SLM 1549, MALTA.
t: (+356) 2328 7100 f: (+356) 2328 7198 w: www.idpc.org.mt

---

This email communication, including any file or document attached thereto, is confidential and solely intended for the use of the intended recipient(s). If you are not the intended recipient and received this message by mistake, you should not disseminate, distribute, print or otherwise copy its contents, but should take immediate

action to notify me by return mail and permanently destroy the email from your system. **Opinions and advice given by this Office on data protection matters shall not constitute a legally binding decision and shall be without prejudice to the Commissioner's power to investigate any complaint lodged by a data subject.**

**Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.**

---

**From:** Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
<charles.polidano@standardscommissioner.com>
**Sent:** Monday, 09 December 2019 17:00
**To:** Cachia Saviour at IDPC <saviour.v.cachia@idpc.org.mt>
**Cc:** Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com>
**Subject:** [EXTERNAL] - Ilment dwar żvelar ta' ismijiet u numri tal-karti tal-identità ta' persuni li ffirmaw petizzjoni

Is-Sur Saviour Cachia
Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Ġentilment mitlub tara l-ittra annessa, li hija mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Charles Polidano
Diretur Ġenerali

Kopja: Prof Arnold Cassola

---

**Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
+356 27 269 593 www.standardscommissioner.com